A.L. 69 ta' l-2003

ATT DWAR L-AWTORITÀ TAD-DJAR
(KAP. 261)

Ordni ta' l-2003 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 1)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu Ordni ta' l-2003 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 1).

Proprjetà specifikata.

2. Il-proprjetà deskritta fl-artiklu 2 ta' dan l-ordni hi b'dan specifikata għall finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar.

Jum stabbilit.

3. Il-proprjetà specifikata fl-artiklu 2 ta' dan l-ordni għandha tiġi trasferita lill-Awtorità tad-Djar u tiġi vestita fiha kif provdut fl-imsemmi artikolu b'seħħ mill-5 ta' Frar, 2003.

Deskrizzjoni ta' proprjetà specifikata.

4. Il-propjetà msemmija fl-artikolu 2 ta' dan l-ordni hi din li ġejja, jigifieri:

(1) Blokk li jikkonsisti f'24 *maisonettes* u 52 *garages* u area komuni fis-Sit F, Pembroke, liema blokk jidher delineat bl-aħmar fuq P.D. 148_99_4, kif ġej:

L-24 *maisonette* imsemmija huma enumerati 1 sa 24 skond ma jidher fuq l-istess Pjanta hekk li -

(a) *maisonettes* li għandhom in-numru 1 u 15 sa 24 huma lkoll aċċessibbli minn entratura mifruda u enumerati 1 u 15 sa 24, minn Triq in Normandija;

(b) *maisonettes* li għandhom in-numru 3 sa 13 huma lkoll aċċessibbli minn entratura mifruda u enumerati 3 sa 13, minn spazju miftuħ pubbliku;

(ċ) *maisonette* li għandha n-numru 2 hi aċċessibbli minn entratura mifruda u li għandha n-numru 2, minn spazju miftuħ pubbliku; u

(d) *maisonette* li għandha n-numru 14 hi aċċessibbli minn entratura mifruda u li għandha n-numru 14, minn spazju miftuħ pubbliku.

It-52 *garages* imsemmija huma enumerati 1 to 52 b'tali mod li -

(a) *garages* li għandhom in-numru 1 sa 51 sottostanti il-*maisonettes* imsemmija kif dawn jidhru fuq il-Pjanta msemmija huma lkoll aċċessibbli minn entratura komuni u għandhom entratura mifruda, u huma enumerati minn 1 sa 51; u

(b) il-*garage* fuq livell terran hu aċċessibbli minn entratura mifruda, enumerata 52.

L-imsemmi blokk *garages, maisonettes* u *substation* kienu qabel jagħmlu parti minn proprjetà tal-Gvern, li qabel kienet proprjetà tas-Servizzi, Proprjetà Nru. 16488. (HAM 5/98 Vol. II).

(2) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 2,359 metru kwadru u li tifforma parti mill-Qasam tad-Djar tal-Gvern Ta' L-Istabar, limiti ta' Ħal Qormi, li tmiss mit-Tramuntana ma' Triq Dun Gino Mangion, u minn Nofsinhar u l-Lbiċ ma' Triq il-Ħamsa u Għoxrin ta' Mejju 1743, u li tinsab delineata bl-aħmar fuq il-pjanta nru. 152_83_15. (L 180/79/II: HAM 88/80).

(3) *Flat* numru 6, Entratura H, Binja Vista, Triq Dom Mauro Inguanez, Qasam tad-Djar tal-Gvern, Birkirkara (Tenement No. 77160: 6HA 10/2002).

(4) *Flat* numru 6, Blokk 10, Unit 2, Hubbard Flats, Triq Alessandra, Qasam tad-Djar tal-Gvern, Bormla (Tenement No. 62360 - 6HA 10/2001).

(5) *Flat* numru 11, Blokk N, Triq iż-Żnuber, Qasam tad-Djar tal-Gvern, Santa Luċija (Tenement No. 68411 - RTB 10/2002).

(6) *Flat* numru 4, Blokk B, Unit 1, Triq is-Sorijiet, Qasam tad-Djar tal-Gvern, Paola (Tenement No. 62179 - 6HA 1/2002).

(7) *Flat* numru 7, Blokk 10, Hubbard *Flat*s, Triq Alessandra, Qasam tad-Djar tal-Gvern, Bormla (Tenement No.62361 - 6HA 26/99).

(8) *Flat* numru 1, Blokk H, Għajn Kajjet, Qasam tad-Djar tal-Gvern, Rabat, Malta (Tenement No. 68654 - RTB 135/2002).

(9) *Flat* numru 8, Blokk 13, Pjazza Mons. P.P. Psaila, Qasam tad-Djar tal-Gvern, Qormi (Tenement No. 64259 - RTB 26/2002).

(10) *Flat* numru 3, Blokk F, Triq il-Wied, Qasam tad-Djar tal-Gvern, Żurrieq (Tenement No. 72106 - 6HA 15/2000).

(11) Id-dar bin-numru 39, Triq is-Sebħ, Qasam tad-Djar tal-Gvern, Marsa (Tenement No. 71012 - RTB 42/2002).

(12) *Flat* numru 9, Blokk 2, Triq il-Mediterran, Qasam tad-Djar tal-Gvern, Valletta (Tenement No. 63020; RTB 110/2002).